

3. It-tielet aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi allegatament imwettaq mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku meta qies li d-dannu invokat mill-appellanti kien ipotetiku.

Rikors ippreżentat fis-7 ta' Ottubru 2016 – Pebagua vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-715/16)

(2016/C 441/36)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Asociación de la pesca y acuicultura del entorno de Doñana y del Bajo Guadalquivir (Pebagua) (Isla Mayor, Spanja) (rappreżentant: A. J. Uceda Sosa, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla r-regolament ta' implementazzjoni kkontestat,
- sussidjarjament, tannulla l-inklużjoni tal-ispeċi *Procambarus clarkii* fil-lista approvata mill-imsemmi regolament,
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Dan ir-rikors huwa dirett kontra r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1141, tat-13 ta' Lulju 2016, li jadotta lista ta' speċijiet aljeni [eżotiċi] invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2016, L 189, p. 4)

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti ssoċni li, fir-rigward tal-ispeċi *Procambarus clarkii*, la ġew issodisfatti r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 4 tar-Regolament 1143/2014 u lanqas ma twettqet evalwazzjoni tar-riskju fit-termini previsti fl-Artikolu 5(1) tal-imsemmi regolament.

Rikors ippreżentat fl-4 ta' Ottubru 2016 – Waldhausen vs EUIPO (Rappreżentazzjoni ta' siluwett ta' ras ta' żiemel)

(Kawża T-717/16)

(2016/C 441/37)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Waldhausen GmbH & Co. KG (Köln, il-Ġermanja) (rappreżentant: V. Ekey, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenżjuża kkonċernata: trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea (rappreżentazzjoni ta' siluwett ta' ras ta' żiemel) – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 14 588 933